MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 1287/1991/2

**Anthony sive Tony Jones**

**v.**

**1. Tabib Francis Pullicino u Alex Gingell f'isimhom proprju u fl-interess ta' Clinipath Services, u**

**2. Tabib Joe Louis Grech ghal kull interess li jista' jkollu, u b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Jannar 2000, l-atti gew trasfuzi f'isem Licia Grech; u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2010, l-atti gew trasfuzi f'isem Mario, Karl, it-Tabib Henri, Mariella Abela, Jan u Nadia ilkoll ahwa Grech**

## Preliminari

Dawn huma zewg appelli ad istanza tal-konvenut Alex Gingell proprio et nomine u tal-konvenuti l-ohra Licia Grech u uliedha mid-digriet tat-28 ta' Mejju 2013 moghti mill-ewwel Qorti li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka l-istess digriet.

L-appell thalla ghas-sentenza fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 wara li l-Avukati rispettivi ghamlu d-debita trattazzjoni taghhom.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell id-digriet moghti mill-ewwel Qorti qieghed jigi hawnhekk riprodott fl-intier tieghu:

> "B'riferenza ghar-rikors prezentat fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-werrieta tal-konvenut Dr Joseph Louis Grech (fol. 490), hi tal-fehma li ma nghatawx ragunijiet validi sabiex thassar id-digriet li tat fl-4 ta' Ottubru 2012. Ghalhekk **tichad it-talba**.

"B'riferenza ghal dak li jikkoncerna t-talba tal-attur sabiex il-qorti tahtar psikjatra (fol. 500), l-attur jilmenta li minhabba d-dijanjozi zbaljata kienet qabditu depressjoni (ara nota prezentata fit-30 ta' Ottubru 2009) li eventwalment waslet biex huwa jigi *boarded out*.

"Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011 l-attur iddikjara li m'ghandux iktar provi x'iressaq.

*"Prima facie* jidher li l-konvenuti Grech ghandhom ragun isostnu li l-attur m'ghandux jithalla jerga' jiftah il-provi. Wara kollox il-fehma ta' perit gudizzjarju hi prova (Artikolu 644 tal-Kap. 12). Madankollu l-istess provvediment jistipula li l-qorti minn jeddha tista' tordna l-prova bil-mezz ta' periti gudizzjarji.

"Fir-rapport tal-perit mediku Dr James DeGaetano, jinghad:-

> *""I am not qualified to discuss the alleged psychological outcome relating to this case."* (fol. 121).

"Il-qorti hi tal-fehma li meta tigi biex tiddeciedi dwar l-ilment tal-attur, cjoe' li in-nomina ta' perit mediku hi flokha.

"Ghaldaqstant, il-qorti **tilqa' t-talba** u tinnomina lill-psikjatra Dr Joseph Cassar sabiex wara li jara l-atti u jekk ihoss il-htiega jisma' wkoll bil-gurament lill-attur, jirrelata dwar jekk fil-fehma tieghu:-

> "i. b'rizultat tad-dijanozi hazina li saret inkluz l-interventi medici li saru fuqu (skond ma gie ddikjarat fis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2008 – fol. 293-298) huwiex probabbli li l-attur beda jsofri minn depressjoni li waslet biex eventwalment jigi *boarded out* minn mas-servizz pubbliku.
>
> "ii. Jekk hu tal-fehma li fiz-zmien rilevanti (1989 'il quddiem) l-attur beda jsofri minn depressjoni, ighid jekk kienx hemm ragunijiet ohra li fil-fehma tieghu probabilment wasslu ghal din il-kundizzjoni.

"Fejn jesprimi fehma l-perit mediku ghandu jaghti r-raguni li waslitu biex jesprimi tali fehma.

"Tawtorizza li l-partijiet u d-difensuri taghhom ikunu prezenti f'kaz li l-perit mediku jisma' lill-attur.

"Tinnomina wkoll lil Dr Kevin Camilleri Xuereb sabiex jassisti lill-perit mediku fil-qadi tal-inkarigu tieghu.

"Tordna li r-rapport jigi pprezenta mhux iktar tard **mill-ahhar ta' Settembru 2013**.

"Spejjez tal-perizja a karigu tal-attur.

"Tordna li dan id-digriet jigi nnotifikat lill-psikjatra Dr Joseph Cassar u Dr Kevin Camilleri Xuereb ghas-spejjez tal-attur."

**Rikorsi tal-appell tal-konvenuti Gingell u Grech**

Il-konvenuti msemmija hassew ruhhom aggravati bid-digriet tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponew dawn l-appelli minnu. L-aggravji taghhom in succint huma dawn;

1. Li huma bbazaw id-difiza taghhom fuq il-provi gia` prodotti mill-attur stess u allura issa l-istess attur se jkun jista' jbiddel dawn l-provi bi pregudizzzju ghalihom;

2. Li l-attur se jkun qed jixhed fuq li gara tletin sena ilu meta l-istess attur qal waqt kontro ezami li ma setax jiftakar dak li gara tletin sena ilu.

L-attur ma pprezenta ebda risposta. Madankollu waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tieghu rrileva li d-digriet inkwistjoni ma hux appellabbli f'dan l-istadju skont l-Artikolu 229 tal-Kodici tal-Procedura.

Dan l-artikolu infatti jelenka numru ta' digrieti li ma humiex appellabbli qabel ma tinghata sentenza finali f'kawza u allura 'ma jistghux jigu kontestati qabel sentenza definittiva'. Fost dawn hemm is-sub-inciz (g) li jsemmi 'digriet dwar il-hatra ta' perit skont l-Artikolu 646' u s sub inciz (e) 'digriet dwar mistoqsijiet li jsiru lil xhud skont l-Artikolu 567'.

Ma hemmx dubju allura li d-digriet inkwistjoni huwa wiehed li nghata skont l-Artikolu 646 li fis-sub-inciz (b) jghid li l-Qorti ghandha tahtar perit hi skont l-ghazla taghha *meta l-partijiet ma jiftehmux*. L-Artikolu 644 tal-Kap. 12 imsemmi fid-digriet jipprovdi biss li l-prova permezz ta' periti trid dejjem issir fuq ordni tal-Qorti, kemm jekk fuq talba tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom jew mill-Qorti minn jeddha. Il-hatra nnifisha, izda ssir dejjem bis-sahha tal-Artikolu 646 tal-istess Kap. Stabbilit dan, l-inappellabilita` tad-digriet li minnhom l-appellanti qeghdin jippretendu jappellaw tirrizulta manifesta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dawn l-appelli billi tiddikjarhom irriti u nulli.

L-ispejjez ta' dawn l-appelli jithallsu mill-appellanti rispettivi. Il-Qorti qed tordna li l-appellanti jhallsu spejjez doppji a tenur tal-Artikolu 223 (4) tal-Kap. 12 billi l-appelli huma vessatorji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------